

**RIŻOLUZZJONI (UE) 2019/1552 TAL-PARLAMENT EWROPEW****tas-26 ta' Marzu 2019****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2017**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2017,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 94 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A8-0118/2019),
- A. billi l-Impriża Konġunta SESAR ("l-Impriża Konġunta") twaqqfet fi Frar 2007 biex tmexxi l-programm ta' Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR), li huwa intenzjonat li jimmodernizza l-ġestjoni tat-traffiku fl-Unjoni,
- B. billi, wara l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 721/2014 <sup>(1)</sup>, il-programm SESAR 2 estenda t-tul ta' ħajja tal-Impriża Konġunta sal-31 ta' Diċembru 2024;
- C. billi l-Impriża Konġunta ġiet imfassla bħala sħubija pubblika-privata, bl-Unjoni u l-Eurocontrol bħala membri fundaturi;
- D. billi l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-fażi ta' attwazzjoni tal-Programm SESAR 2 2014-2024 iffinanzjat minn Orizzont 2020 hija ta' EUR 585 000 000; billi taħt il-Ftehimiet ta' Sħubija l-ġodda ta' Orizzont 2020, il-kontribuzzjoni mill-Eurocontrol mistennija li tkun ta' madwar EUR 500 000 000, u l-kontribuzzjoni tas-sħab l-oħra mill-industrija tal-avjazzjoni mistennija li tkun mill-inqas ta' EUR 720 700 000 u l-kontribuzzjonijiet *in natura* mill-Eurocontrol u sħab oħra huma ta' 90 %;
- E. billi jinnota li l-Impriża Konġunta ppreżentat il-baġit tagħha f'żewġ sezzjonijiet separati: (1) SESAR 1 u (2) SESAR 2020; billi jinnota wkoll li SESAR 1 kienet kofinanzjata mill-programm TEN-T u mis-Seba' Programm Kwadru ta' Riċerka u SESAR 2020 hija kofinanzjata minn Orizzont 2020;

**Ġenerali**

1. Josserva mir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2017 (ir-"rapport tal-Qorti") li jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fil-31 ta' Diċembru 2017, ir-riżultati tat-tranżazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni;
2. Jirrikonoxxi li r-rapport tal-Qorti jiddikjara li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2017 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;
3. Jinnota li fi tmiem l-2017 l-Impriża Konġunta operat taħt erba' sorsi differenti ta' finanzjament; jinnota d-diversità ta' oqfsa legali applikabbli bil-mudelli u l-obbligi proprji li taħtom topera l-Impriża Konġunta u jirrikonoxxi l-livell għoli ta' kumplessità ta' tali mudell;

**Ġestjoni baġitarja u finanzjarja**

4. Jinnota li fl-2017, l-appropriazzjonijiet ta' pagament totali tal-Impriża Konġunta kienu ta' EUR 191 813 383 (2016: EUR 157 152 638), EUR 213 022 000 (2016: EUR 162 851 972), inklużi d-dħul assenjat u r-riporti; jinnota li l-appropriazzjonijiet ta' impenn kienu ta' EUR 113 346 265 (2016: EUR 99 073 761), EUR 130 944 000 (2016: EUR101 407 854), inklużi d-dħul assenjat u r-riporti;
5. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, ir-rati ta' utilizzazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament kienu ta' 80,24 % u 67,97 % rispettivament (95,7 % u 63,2 % fl-2016);

(<sup>1</sup>) ĠUL 192, 1.7.2014, p. 1.

6. Jinnota li r-rati ta' implimentazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament ta' SESAR 1 kienu 11 % u 68 % rispettivament, b'tali rati baxxi spjegati bi dħul mhux mistenni assenjat ta' madwar EUR 17-il miljun u li f'Diċembru 2016 il-programm SESAR 1 ingħalaq formalment u l-aħħar pagament sar f'Diċembru 2017, peress li l-Impriża Konġunta kellha tiżgura, sa tmiem l-2017, biżżejjed fondi tas-Seba' Programm ta' Qafas għar-rimborż tal-kontribuzzjonijiet fi flus riċevuti b'mod eċċessiv mill-membri tal-industrija SESAR 1 u għall-pagament ta' talbiet għall-kostijiet li kienu ddedmu iżda xorta kienu ġustifikati għall-proġetti tas-Seba' Programm Kwadru li kienu għadhom għaddejjin;
7. Jinnota li għal SESAR 2020, l-impenji u l-pagamenti kienu implimentati b'rati ta' 92 % u 68 % rispettivament, fejn l-aħħar waħda kienet baxxa għal raġunijiet ta' dewmien fl-implimentazzjoni ta' proġetti ta' Orizzont 2020 immexxija mill-membri tal-industrija u ppjanar pjuttost konservattiv tal-baġit meta jitqies ir-riskju li l-ftehimiet ta' delega tal-implimentazzjoni finanzjarja annwali jdumu ma jaslu.
8. Jinnota li, bħala parti mill-awditu tal-2016 ġew awditjati 476 dikjarazzjoni tal-kostijiet, li jirrappreżentaw il-15 il-membri kollha kemm huma u li ammontaw għal EUR 120 000 000 jew 14 % tal-kostijiet totali ddikjarati ta' EUR 884 000 000, b'rata ta' żbalji residwi ta' 1,09 %;

### **Implimentazzjoni tal-baġit pluriennali taħt is-Seba' Programm Kwadru u t-TEN-T**

9. Jinnota li mill-baġit operattiv u amministrattiv totali ta' EUR 892 800 000 għall-attivitajiet ta' SESAR I, sa tmiem l-2017 l-Impriża Konġunta kienet għamlet impenji ta' EUR 853 000 000 u pagamenti ta' EUR 801 000 000 (89,7 % tal-baġit disponibbli);
10. Jinnota li mill-ammont ta' EUR 1 254 500 000 ta' kontribuzzjonijiet *in natura* u kontribuzzjonijiet fi flus li kellhom isiru mill-membri l-oħra għall-attivitajiet operattivi u amministrattivi tal-Impriża Konġunta (EUR 670 200 000 mill-Eurocontrol u EUR 584 300 000 mill-membri tas-settur tat-traffiku tal-ajru), sa tmiem l-2017 l-Impriża Konġunta kienet invalidat kontribuzzjonijiet ta' EUR 1 099 900 000 (EUR 560 700 000 mill-Eurocontrol u EUR 539 200 000 mis-settur tat-traffiku tal-ajru);
11. Jinnota li fi tmiem l-2017, il-kontribuzzjonijiet kumulattivi fi flus mill-Unjoni ammontaw għal EUR 633 900 000, meta mqabbla mat-total tal-kontribuzzjonijiet *in natura* u fi flus mill-Eurocontrol, li jammontaw għal EUR 560 700 000, u EUR 539 200 000 mill-membri tas-settur tat-traffiku tal-ajru;
12. Jinnota li fl-2017, l-Impriża Konġunta kompliet bl-għeluq finanzjarju u amministrattiv ta' SESAR 1; jieħu nota li fl-2017, SESAR 1 irċieviet EUR 37 miljun mill-Unjoni biex tkopri l-obbligazzjonijiet pendenti lejn il-membri tal-Impriża Konġunta li rriżultaw mill-valutazzjoni tar-rapporti finanzjarji finali, li waslu u ġew rieżaminati fl-2017, kif ukoll biex tkopri l-forniment ta' awditi probabbli addizzjonali, azzjonijiet legali potenzjali kontra l-Impriża Konġunta u r-rimborż tal-kontribuzzjonijiet żejda fi flus tal-membri tagħha; jinnota wkoll li ġew invalidati EUR 25,9 miljun bħala kontribuzzjonijiet fi flus mill-Eurocontrol, li minnhom EUR 13,4 miljun huma mill-2016, iżda huma parti mill-baġit tal-2017 minħabba kwistjonijiet tekniċi, u EUR 12,5 miljun għall-2017; jinnota li l-Impriża Konġunta rċeviet EUR 16,8 miljun bħala dħul eċċeżżjonali, magħmul l-aktar minn irkupri relatati mal-membri; jilqa' l-fatt li s-surplus tal-flus li jifdal ta' EUR 23,1 miljun u l-appropriazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 38,6 miljun huma biżżejjed biex jissodisfaw l-obbligi kollha u biex tingħalaq SESAR 1;

### **Implimentazzjoni tal-baġit pluriennali taħt Orizzont 2020**

13. Jinnota li mill-ammont ta' EUR 639 800 000 ta' fondi tal-baġit operattiv u amministrattiv ta' Orizzont 2020 li ġew allokati lill-Impriża Konġunta għall-implimentazzjoni ta' SESAR 2020, sa tmiem l-2017 l-Impriża Konġunta kienet għamlet impenji ta' EUR 236 700 000 u pagamenti ta' EUR 112 300 000; jinnota, barra minn hekk, li dawk il-pagamenti kienu prinċipalment pagamenti ta' prefinanzjament għall-ewwel u t-tieni sensiela ta' proġetti ta' SESAR 2020;
14. Josserva li l-membri l-oħra impenjaw ruħhom li jagħmlu kontribuzzjonijiet *in natura* u fi flus ta' mill-inqas EUR 825 900 000 għall-attivitajiet operattivi tal-Impriża Konġunta għal SESAR 2020 (madwar EUR 500 000 000 mill-Eurocontrol u ammont stmat ta' EUR 325 900 000 mis-settur tat-traffiku tal-ajru). jinnota, barra minn hekk, li fi tmiem tal-2017, il-membri l-oħra kienu rrapportaw kontribuzzjonijiet *in natura* ta' EUR 97 300 000 iżda li kienu għadhom ma ġew invalidati;
15. Jilqa' l-fatt li għall-ewwel darba, it-Taqsima 2 tal-baġit 2017 tinkludi l-kostijiet operazzjonali u l-kontribuzzjonijiet *in natura* relatati ma' SESAR 2020; jinnota li SESAR 2020 irċieviet EUR 75,5 miljun mill-Unjoni biex tkopri l-obbligazzjonijiet pendenti tal-2017 u l-ewwel xhur tal-2018 u ġew riċevuti EUR 6,7 miljun mill-Eurocontrol bħala kontribuzzjonijiet fi flus għall-kostijiet operazzjonali;

16. Jieħu nota tal-fatt li fi tmiem l-2017 kienu għadhom ma sarux l-iżviluppi speċifiċi meħtieġa fl-għodod komuni tal-Kummissjoni għall-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-għotjiet, taħt il-programm Orizzont 2020, biex dawn ikunu jistgħu jipproċessaw il-kontribuzzjonijiet *in natura* tal-Impriża Konġunta.
17. Jinnota li sa tmiem l-2017, il-kontribuzzjonijiet kumulattivi fi flus tal-Unjoni għall-attivitajiet operattivi tal-Impriża Konġunta ammontaw għal EUR 132 900 000 u l-kontribuzzjonijiet mis-settur tat-traffiku tal-ajru ammontaw għal EUR 104 000 000;
18. Jinnota li l-ewwel awditi ta' SESAR 2020 jindikaw li l-għadd u l-livell ta' żbalji huwa inqas minħabba s-simplifikazzjonijiet introdotti f'Orizzont 2020 u minħabba li l-benefiċjarji ewlenin għandhom aktar esperjenza;

### **Prestazzjoni**

19. Jilqa' l-fatt li n-nuqqas ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni stabbiliti (KPIs) m'għadux problema taħt il-programm Orizzont 2020; jiddispijaci li l-informazzjoni dwar it-tielet sett ta' KPIs għadha mhix disponibbli minħabba l-maturità insuffiċjenti tal-proġetti; jinnota madankollu li l-KPIs juru li, b'mod ġenerali, il-miri ġew issodisfati; jieħu nota tal-fatt li l-esperti jitolbu aktar attività ta' monitoraġġ u analiżi, filwaqt li jagħmlu distinzjoni ċara bejn il-KPIs fil-fatt miksuba fi tmiem kull sena u l-KPIs proġettati;
20. Jinnota li l-Impriża Konġunta ssodisfat l-oġettivi politiċi u operazzjonali ewlenin tagħha kif deskritti fid-Dokument ta' Programmar Uniku għall-perjodu 2017-2019;
21. Jilqa' l-pubblikazzjoni min-naħa ta' SESAR tal-pjan direzzjonali biex tiżgura s-sikurezza u s-sigurtà tal-operazzjonijiet bid-droni madwar l-Ewropa; iqis li hemm bżonn ta' varjetà ta' innovazzjonijiet, inklużi teknoloġiji relatati mal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM), biex id-droni jiġu integrati b'mod sikur fl-ispazju tal-ajru Ewropew; jinnota b'interess il-ħarsa ġenerali tagħha tal-iżvilupp tas-suq Ewropew tad-droni sal-2050 u l-potenzjal enormi għall-Ewropa u l-kompetittività globali tagħha, kif ukoll l-azzjonijiet li jeħtieġ li jittieħdu fil-ħames sa għaxar snin li ġejjin biex jiġi liberat dak il-potenzjal, inkluż l-appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp miksub billi tiġi stabbilita, fil-livell tal-Unjoni, ekosistema li tkopri kemm qafas regolatorju kif ukoll it-teknoloġija, u li tgħaqqad flimkien il-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati ewlenin, u li tirriżulta fil-forniment ta' livelli ogħla ta' finanzjament tal-Unjoni, bl-għan li tingħata spinta lill-SMEs fis-settur b'mod partikolari;
22. Josserva li l-proporzjon tal-kost tal-ġestjoni (baġit amministrattiv u operattiv) jibqa' taħt il-5 %, u b'hekk jindika struttura organizzattiva simplifikata u effiċjenti tal-Impriża Konġunta;
23. Jinnota bi tħassib il-valur interim tal-effett ta' ingranaġġ ta' 0,56 fi tmiem l-2017; jitlob lill-Impriża Konġunta tieħu passi biex tissodisfa l-effett ta' ingranaġġ fil-mira ta' 0,85 fuq il-perjodu sħiħ 2014-2020;
24. Jinnota b'apprezzament li l-esperti jinnotaw li, meta mqabbla mal-operat tal-Impriża Konġunta taħt is-Seba' Programm Kwadru, diġà qed issir enfasi akbar fuq il-kisba ta' involviment usa' tal-firxa sħiħa ta' partijiet ikkonċernati għall-implimentazzjoni tal-Pjan Direttur Ewropew għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru ("Pjan Direttur ATM").

### **Proċeduri ta' akkwist u reklutaġġ**

25. Jinnota mir-rapport tal-Qorti, li fil-31 ta' Diċembru 2017, l-Impriża Konġunta kellha 40 membru tal-persunal impjegat magħha (2016: 44);
26. Jinnota r-riżultati tal-eżerċizzju tal-2017 ta' valutazzjoni komparattiva fil-qasam tar-Riżorsi Umani: 60 % postijiet operattivi, 30 % postijiet amministrattivi u 10 % postijiet newtrali;
27. Jirrimarka li l-Impriża Konġunta nediet tmien proċeduri ta' akkwist, li wasslu għal 14-il Kuntratt Qafas u ta' Servizzi Diretti; josserva li l-Impriża Konġunta stabbiliet 29 Kuntratt Speċifiku u 13-il emenda, li ammontaw għall-valur totali tal-attivitajiet ta' akkwist finalizzati fl-2017 għal aktar minn EUR 5 540 000;

**Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u t-trasparenza**

28. Jinnota li matul l-2017 twettqu għaxar awditi minn kumpanija differenti ta' awditjar estern u għal awditu wieħed il-Kuntratt Qafas tad-Direttorat Ġenerali għall-Baġit kellu jintuża minħabba kunflitt ta' interess identifikat tat-tliet ditti fil-Kuntratt Qafas tal-Impriża Konġunta; jirrikonoxxi li disa' awditi twettqu mill-awditur statutorju; jieħu nota tal-fatt li l-Impriża Konġunta adottat kuntratt qafas rivedut għas-servizzi tal-awditjar ma' tliet ditti tal-awditjar esterni u l-attività ta' awditjar titwettaq biss minn dawk id-ditti; jenfasizza l-fatt li ebda kwistjoni materjali ma ġiet identifikata fl-awditi mwettqa sa issa li tirrikjedi l-attenzjoni tal-Bord Amministrattiv;

**Kontroll Intern**

29. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Impriża Konġunta stabbilit proċeduri ta' kontroll *ex ante* bbażati fuq rieżamijiet dokumentarji finanzjarji u operattivi, u twettaq awditi *ex post* tal-benefiċjarji;
30. Jilqa' l-fatt li l-Impriża Konġunta kompliet tapplika approċċ multidimensjonali bl-iskop li tirriżamina, timmaniġġja u ttaffi r-riskji b'mod effettiv, u jistenna li l-Impriża Konġunta toqgħod attenta għar-riskji korporattivi kritiċi li tkun identifikat rigward il-Pjan Direttur tal-ATM u SESAR 2020;
31. Jiddispijaċi li l-awditur estern osserva nuqqasijiet fil-proċessi ta' kontroll finanzjarju tal-Impriża Konġunta li huma prinċipalment dovuti għall-qafas regolatorju finanzjarju kumpless, it-tluq reċenti ta' persunal prinċipali tal-finanzi u ż-żieda eċċessiva ta' xogħol fid-dipartiment tal-finanzi;

**Awditi interni**

32. Jinnota li fir-rigward ta' SESAR 1 il-ħidma ta' awditjar hija kważi kkompletata, wara li kienu ppjanati 20 eżerċizzju ta' awditjar f'seba' membri magħżula, li minnhom 18 tlestew fl-2017 bħala parti mir-raba' ċiklu ta' awditjar kif deskritt fl-Istrateġija tal-Awditjar *Ex Post* tal-Impriża Konġunta; jilqa' l-fatt li r-rata ta' żbalji residwi għas-sena 2017 kien ta' 0,36 %;
33. Josserva li twettqet l-Evalwazzjoni Interim Finali tal-Kummissjoni dwar l-attivitàjiet operatorji tal-Impriża Konġunta taħt Orizzont 2020 li tkopri l-perjodu bejn l-2014 u l-2016; jinnota li l-Bord Amministrattiv tal-Impriża Konġunta adotta Pjan ta' Azzjoni f'Mejju 2018, li jinkludi għadd ta' attivitàjiet li diġà nbdew;
34. Jinnota li f'Ottubru 2016, is-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) tal-Kummissjoni wettaq awditu fuq il-"Proċessi ta' Għotjiet ta' Orizzont 2020"; josserva li l-IAS ħareġ ħames rakkomandazzjonijiet, li waħda minnhom ġiet ikklassifikata bħala "importanti ħafna"; jinnota, barra minn hekk, li ġie stabbilit pjan ta' azzjoni dettaljat u li sa tmiem l-2017 ġie implimentat il-pjan ta' azzjoni għal 4 rakkomandazzjoni minn 5; jistieden lill-Impriża Konġunta tirrapporta lill-awtorità tal-kwittanza dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet miftuħa li fadal;
35. Jinnota li, f'Ottubru 2017, l-IAS wettaq awditu fuq il-governanza, il-ġestjoni tar-riskju u l-proċessi ta' kontroll intern tal-Impriża Konġunta għall-koordinazzjoni maċ-Ċentru ta' Appoġġ Komuni (CSC) u l-implimentazzjoni tal-għodod u s-servizzi tas-CSC; josserva li l-IAS ħareġ tliet rakkomandazzjonijiet; jistieden lill-Impriża Konġunta tirrapporta lill-awtorità tal-kwittanza dwar l-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet;

**Kwistjonijiet oħra**

36. Jieħu nota tal-fatt li l-Evalwazzjoni Finali tal-Kummissjoni dwar il-Programm SESAR 1 (2007-2016) twettqet matul l-2017, u li din turi li l-Impriża Konġunta qed twettaq l-oġettivi tagħha, billi tgħin biex tingħeleb il-frammentazzjoni u toħloq il-kontinwità tal-għanijiet tar-riċerka; josserva li saret l-Evalwazzjoni Finali interim tal-Kummissjoni dwar SESAR 2020 (2014-2016), u li kkonkludiet li s-Sħubijiet ta' Riċerka bejn l-Unjoni, is-settur privat u l-Istati Membri jinsabu fit-triq it-tajba biex jilhq u l-oġettivi tagħhom; jilqa' l-fatt li ġie approvat pjan ta' azzjoni biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet li tqajmu f'dawk l-evalwazzjonijiet;
37. Jinnota li l-ġestjoni tal-ispazju tal-ajru Ewropew għadha frammentata filwaqt li l-Ajru Uniku Ewropew bħala kunċett għadu ma ntlaħaqx; itenni r-rwol vitali li għandha SESAR fil-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tar-riċerka fil-proġett SESAR u fl-ilhuk tal-oġettivi tal-proġett;
38. Jistieden lil SESAR u lill-Kummissjoni jevalwaw ir-riżultati tal-attwazzjoni tas-soluzzjoni SESAR, speċjalment f'dak li għandu x'jaqşam mal-iżgurar tal-interoperabilità u mal-passi 'l quddiem fit-tlestija tal-Ajru Uniku Ewropew;

39. Josserva li fl-2017, il-Qorti ppubblikat rapport speċjali dwar l-Inizjattiva tal-Ajru Uniku Ewropew; jiddispjaċih li dan ir-rapport, flimkien mal-evalwazzjonijiet finali tal-Kummissjoni, osserva dewmien fl-eżekuzzjoni tal-Pjan Direttur tal-ATM, u l-allinjament skorrett bejn it-tul ta' ħajja regolatorju fiss tal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta u durata prevista tax-xogħol li huwa mistenni minnha; jinnota wkoll l-enfasi tal-Qorti dwar il-ħtieġa li l-Impriża Konġunta ssaħħaħ l-obbligu ta' rendikont tagħha fir-rigward tal-eżekuzzjoni tal-Pjan Direttur ATM;
  40. Jinnota li l-awdituri ħadu kampjun ta' sittax-il proġett SESAR, li ġew awditjati f'ħames pajjiżi differenti, u involvew diversi partijiet ikkonċernati ta' SESAR; jistieden lill-Impriża Konġunta tqis bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport speċjali u tiegħu azzjoni xierqa.
-